**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Frar, 2019**

**Rikors Nru: 251/2018 MLF**

**A & A Blasting Services Limited**

**Vs**

**Shapoorji Pallonji (Malta) Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjeta` attriċi fejn talbet li s-soċjeta` konvenuta tħallasha s-somma globali fl-ammont ta' sebat elef, sitt mija u ħamsa u sittin Euro u tmienja u għoxrin ċentezmu (€7,665.28) inkluz il-VAT, liema ammont jirrappreżenta diversi xogħlijiet u provvista ta' materjali iżda mhux limitatament għal pvc, pipes, cable trays, copper pipes fis-soqfa, twaħħil ta' xbieki tal-ħadid ma' travi, monocote, tindif u kiri ta' skip, liema servizzi ġew rezi lis-soċjeta` konvenuta matul il-perjodu bejn is-sitta (6) ta' Diċembru 2017 u s-sittax ta' Diċembru 2017, u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta bin-numru 1274/2018, u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjeta` konvenuta.

Rat li fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2019, ma deher ħadd in rappreżentanza tas-soċjeta` konvenuta, għalkemm kienet ġiet debitament notifikata, u lanqas ippreżentat risposta.

Rat li fl-istess seduta l-avukat difensur tas-soċjeta` attriċi ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenuta.

Għalkemm fis-seduta tal-lum, is-soċjeta` attriċi ġiet imsejjħa tliet darbiet, ma deher ħadd in rappreżentanza tagħha, u għalhekk il-kapitolu tas-soċjeta` attriċi għandu jitqies bħala mistqarr.

In oltre, fis-seduta tal-lum, xehed Alex Aquilina, managing director tas-soċjeta` attriċi li ikkonferma bil-ġurament li l-ammont pretiż fir-rikors promotur hu dovut, u li minn meta ġie ippreżentant l-avviż tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta konvenuta ma ħallset l-ebda somma mill-ammont pretiż.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tal-soċjeta` attriċi, u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma globali ta’ sebat elef, sitt mija u ħamsa u sittin Euro u tmienja u għoxrin ċentezmu (€7,665.28) inkluż il-VAT, bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-sċcjeta` konvenuta.

L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta bin-numru 1274/2018, għandhom jiġu subiti mis-soċjeta konvenuta.

**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**